**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Sfida Numru 3/2025/2**

**Dr. George Camilleri**

**vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Illum 12 ta' Ġunju 2025

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-appellant l-isfidant **Dr. George Camilleri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0015387(G), ippreżentat fil-11 ta' Frar 2025 fejn talab is-segwenti:

*"Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, kif ukoll fid-dawl ta' kull xhieda u sottomissjonijiet li jistgħu jsiru fil-mori tas-smiegħ ta' dan l-umli rikors a tenur tal-Artikolu 541(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija li jmexxi l-proċeduri meħtieġa ai termini tal-artikoli 18, 93 u 95 tal-Kodiċi Kriminali, ossia:*

I. *Talli fit-tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u fix-xhur u snin ta' qabel, ġewwa dawn il-gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, inġurja jew hedded, anki bil-miktub, lil Dott. George Camilleri LL.D., anki biex inaqqas il-ġieħ tiegħu, minħabba li jkun għamel id-dmirijiet tiegħu bħala uffiċċjal tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali meta kien qed jaġixxi taħt l-ordni tal-Avukat Ġenerali f'dak kollu li fih l-Avukat Ġenerali għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu jew b'konnessjoni mal-uffiċċju tiegħu, ai termini tal-**artikoli 18 u 93 tal-Kodiċi Kriminali**;*

II. *Talli fit-tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u fix-xhur u snin ta' qabel, ġewwa dawn il-gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, inġurja jew hedded lil Dott. George Camilleri LL.D. bħala persuna inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku minħabba li jkun għamel dan is-servizz, ai termini tal-**artikoli 18 u 95 tal-Kodiċi Kriminali**.*

*Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, l-esponent umilment jitlob bil-qima lil din il-Qorti jogħġobha, wara li tisma' l-provi tar-rikorrent u lill-Kummissarju tal-Pulizija u ssib li hemm prima facie lok għad-denunzja, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex imexxi l-proċeduri meħtieġa u dan salv kull provvediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi fil-ġudizzju għaqli tagħha."*

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-6 ta' Mejju 2025 fejn ċaħdet it-talba kontenuta fir-Rikors Maħluf tal-isfidant tal-11 ta' Frar 2025. Il-Qorti ordnat li kopja tad-deċiżjoni mogħtija minnha tiġi notifikata bil-mezz tar-Reġistratur lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ir-Rikors tal-appellant l-isfidant Dr. George Camilleri ppreżentat fl-14 ta' Mejju 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"jogħġobha, skont il-liġi:*

I. *"Tħassar u tbiddel is-sentenza appellata in kwantu li ma nstabux biżżejjed provi fuq grad prima facie sabiex tintlaqa' it-talba tal-esponent fir-rikors promotur, u tgħaddi biex issib u tiddikjara li hemm biżżejjed provi prima facie sabiex it-talba tal-esponent tintlaqa';*

II. *Effettivament tordna li jinħarġu akkużi fil-konfront ta' Dott. David Gatt LL.D., in kwantu:*

   i. *Talli fit-tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u fix-xhur u snin ta' qabel, ġewwa dawn il-gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, inġurja jew hedded, anki bil-miktub, lil Dott. George Camilleri LL.D., anki biex inaqqas il-ġieħ tiegħu, minħabba li jkun għamel id-dmirijiet tiegħu bħala uffiċċjal tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali meta kien qed jaġixxi taħt l-ordni tal-Avukat Ġenerali f'dak kollu li fih l-Avukat Ġenerali għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu jew b'konnessjoni mal-uffiċċju tiegħu, ai termini tal-**artikoli 18 u 93 tal-Kodiċi Kriminali**;*

   ii. *Talli fit-tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u fix-xhur u snin ta' qabel, ġewwa dawn il-gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, inġurja jew hedded lil Dott. George Camilleri LL.D. bħala persuna inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku minħabba li jkun għamel dan is-servizz, ai termini tal-**artikoli 18 u 95 tal-Kodiċi Kriminali**."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-27 ta' Mejju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu provvediment wara Rikors tal-appellant l-isfidant Dr. George Camilleri li permezz tiegħu qiegħed jappella, skont ma jipprovdi Artikolu 541(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn it-talba tiegħu *ossia* tal-isfidant Dr. George Camilleri sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jiġi ordnat joħroġ akkużi fil-konfront ta' Dr. David Gatt hekk kif imsemmi fir-Rikors Maħluf tal-istess Dr. George Camilleri ġiet miċħuda.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 541(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li taħtu tressaq ir-Rikors Maħluf tal-11 ta' Frar 2025 minn Dr. George Camilleri. Artikolu 541(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> "Jekk, fil-każijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Eżekuttiva, din ma tkunx trid taġixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun għamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Maġistrati li jiġi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proċeduri meħtieġa; u jekk il-qorti, wara li, meta jinħtieġ, tisma' l-provi li jġib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li *prima facie* hemm lok għad-denunzja, rapport jew kwerela, għandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-reġistratur, lill-Kummissarju tal-Pulizja bl-ordni li tagħti għaldaqshekk:
>
> [...]."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fis-16 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet **Joseph Baldacchino vs. Kummissarju tal-Pulizija** fejn din il-Qorti diversament preseduta saħqet is-segwenti:

"Issa l-proċedura hekk imsejħa *"tac-challenge"* kontemplata fl-Artikolu 541(1) tal-Kodiċi Kriminali hi, f'ċertu sens, proċedura straordinarja. *"Ir-regola hi li l-azzjoni kriminali hi essenzjalment waħda pubblika u tmiss lill-Istat (Artikolu 4(1), Kap. 9). Tali azzjoni titmexxa ex officio fil-każijiet kollha ħlief f'dawk il-każijiet fejn hi meħtieġa l-kwerela tal-parti privata jew f'dawk il-każijiet fejn il-liġi espressament tħalli t-tmexxija ta' l-azzjoni f'idejn il-parti privata (Artikoli 4(2) u 373, Kap. 9). Il-proċedura taċ-challenge – li ma tapplikax għal kontravvenzjonijiet jew għal delitti fejn it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-parti privata – trid għalhekk tiġi applikata b'mod rigoruż għal dawk il-każijiet biss li trid il-liġi u fit-termini li trid il-liġi.*

*L-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 jagħmilha ċara li huwa biss f'dawk il-każijiet fejn il-Pulizija Esekuttiva ma tkunx trid tagixxi "wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt" li hu konċess li jkun hemm l-intervent ġudizzjarju. Huwa biss meta l-Pulizija Eżekuttiva ma tkunx trid taġixxi fir-rigward tad-delitt jew delitti speċifikatament indikat jew indikati fid-denunzja, fir-rapport jew fil-kwerela li d-denunzjant jew minn jagħmel ir-rapport jew il-kwerelant jista' jitlob l-ordni tal-Maġistrat skont l-imsemmi Artikolu 541(1), u dan, s'intendi, wara li jkun ottempera ruħu mad-diversi rekwiżiti proċedurali indikati fl-imsemmija disposizzjoni. Dan ir-reat ma hemmx għalfejn jiġi speċifikat bl-isem tekniku tiegħu; huwa biżżejjed li mid-denunzja, mir-rapport jew mill-kwerela jkun jirriżulta ċar liema reat qed jiġi denunzjat jew rappurtat jew fir-rigward ta' liema reat li jkun sar kontra tiegħu il-kwerelant jitlob li jittieħdu passi.*[1]"

Illi riferenza sejra ssir ukoll għal provvediment ieħor mogħti pjuttost riċentement fis-26 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Carmelo Turu Spiteri vs. Commissioner of Police** (Sfida Numru 2/2023/3) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

[1] "**Joseph Gaffarena vs. Kummissarju tal-Pulizija** – Qorti Kriminali – 03/11/2003."

"That, as was stated in the judgment delivered by the Court of Magistrates on the 22nd. February 2016, in the names of **Anthony Camilleri v. Kummissarju tal-Pulizija** –

> **"L-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa li l-Qorti tal-Maġistrati twettaq forma ta' "judicial review" fuq l-operat tal-Pulizija meta, fil-każijiet kongruwi, ma tipproċedix bil-prosekuzzjoni tal-azzjoni penali minkejja n-*notitia criminis* magħmula lilha ... Il-livell ta' sodisfaċiment u suffiċjenza provdut mil-Liġi stess lill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ huwa li *prima facie* jkun hemm bażi għall-prosegwiment tal-azzjoni penali. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ssib li hemm *prima facie* lok li tinbeda l-azzjoni penali kontra l-persuna inkriminanda allura tordna lill-Pulizija sabiex jipproċedu b'din l-azzjoni... Jiġifieri wieħed mill-eżamijiet li trid tagħmel dil-Qorti, (jekk mhux ukoll it-test prinċipali f'din il-proċedura) huwa li tara jekk il-Pulizija tkunx ibbażat id-deċizjoni tagħha ta' inerzja konsegwenti n-*notitia criminis* fuq raġunijiet ġustifikati jew le. Dan l-eżami ta' sindakar da parti tal-Qorti jeħtieġ li almenu jiġu sindikati l-elementi fil-pussess tal-Pulizija li fuqhom tkun ibbażat id-deċiżjoni jekk tistitwix l-azzjoni penali o meno u tara jekk sal-grad *prima facie* din id-deċiżjoni kienetx ġustifikata jew le." (emphasis by this Court)"**

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenzi hawn fuq ċitati u tapplikahom għal każ li dwaru qed tingħata din id-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant Dr. George Camilleri jressaq aggravju li huwa intitolat: "Analiżi żbaljata tal-provi li waslet għal deċiżjoni finali". L-appellant jisħaq li a bażi tal-provi li jirriżultaw fl-atti proċesswali, l-Ewwel Qorti njorat tliet fatturi importanti u jargumenta wkoll li milli jidher il-Qorti msemmija ma fehimtx il-fatti. Jgħid li dawn it-tliet fatturi huma s-segwenti:

- L-ewwel fattur: L-appellant jispjega kif huwa qatt ma kellu x'jaqsam ma' persuni bħal Daniel Muka, Adrian Agius u Robert Agius (l-aħħar tnejn magħrufa bħala "tal-Maksar") bħala avukat difensur jew rappreżentant legali iżda kellu kuntatt magħhom biss fl-ambitu ta' xogħlu bħala Uffiċċjal Prosekutur mal-uffiċju tal-Avukat Ġenerali jew uffiċju legali mal-Aġenzija għal Servizzi Korrettivi. Jgħid li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta qalet li kien qiegħed jirrappreżenta lil Maksar. Ikompli li minn dan jidher biċ-ċar li l-Ewwel Qorti ma fehmitx il-fatti kif miktuba.

  L-appellant jgħid li filwaqt li għal żmien limitat huwa rrappreżenta l-aħwa Degiorgio, huwa qatt ma rrappreżenta n-nies l-oħra imsemmija minn Dr. Gatt u li kellu x'jaqsam magħhom biss meta kien jaħdem fl-uffiċju tal-Avukat Ġenerali. Itenni li minħabba dan wieħed ma jistax jgħid li Dr. Gatt ma ndirizzax b'mod illegali u abbużiv lilu fil-kariga passata tiegħu. Ikompli li l-Ewwel Qorti għażlet li tinjora dan u interpretat iċ-ċirkostanzi b'mod żbaljat. Itenni li dak li riedet tagħmel l-Ewwel Qorti huwa li tara jekk huwa qatt iddefendiex lill-persuni in kwistjoni.

  L-appellant sfidant jargumenta li fuq livell *prima facie* Dr. Gatt semma nies li kienu akkużati u proċessati minnu (mill-appellant) meta kien jaħdem mal-Avukat Ġenerali, bil-konsegwenza li l-akkużi kellhom jinħarġu abbażi tad-diskors ta' Dr. Gatt. Ikompli li jkun ferm perikoluż jekk il-Qrati jilbsu l-kappell ta' difiża u jagħtu raġunijiet, interpretazzjonijiet jew ġustifikazzjonijiet bħala spjegazzjoni għal dak li seta' forsi ġara.

L-appellant jgħid li dak li kellha tistaqsi l-Ewwel Qorti kien għalfejn Dr. Gatt semma l-persuni li semma u, fuq bażi *prima facie,* tgħaddi sabiex issib li kien hemm biżżejjed provi sabiex jinħarġu l-akkużi.

- <u>It-tieni fattur</u>: L-appellant jirreferi għal konversazzjoni bejnu u Dr. Gatt fejn dan ta' l-aħħar kellmu ħażin u poġġa fid-dubju l-integrita' tiegħu billi rrefera għal kariga tiegħu ta' Prosekutur, liema kariga l-appellant kien ilu li rriżenja minnha għal aktar minn tliet (3) snin. Ikompli li f'dan il-każ jirriżulta li Dr. David Gatt kellu l-*mens rea* neċessarju għal reati kontemplati f'Artikoli 93 u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Isemmi li dan japplika sakemm il-Qrati ma jridux iwasslu l-messaġġ li wara t-trapass taż-żmien wieħed jista' jersaq fuq eks uffiċjal pubbliku u jsemmilu l-kariga preċedenti tiegħu u joffendieh mingħajr riskju li jkollu jwieġeb għall-azzjonijiet tiegħu.

  L-appellant itenni li b'dan il-mod inkunu ġibna fix-xejn il-liġi li tipproteġi uffiċjali pubbliċi. Jilmenta wkoll li l-Pulizija f'dan il-każ għażlu li ma jikkonsultawx ma' l-Avukat Ġenerali dwar il-liġijiet li jipproteġu Ġudikanti u l-Avukat Ġenerali.

- <u>It-tielet fattur</u>: L-appellant jargumenta li hemm diverġenza fl-interpretazzjoni tal-ġurisprudenza kkwotata mill-Ewwel Qorti. Waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm, l-appellant argumenta li f'dan il-każ, il-grad tal-prova li ressaq, jisboq dak tal-*prima facie* u huwa biżżejjed sabiex jilħaq il-livell ta' ħtija f'każ kriminali.

Illi l-Avukat Ġenerali jwieġeb billi jgħid li ma jaqbilx mal-ilmenti imressqa mill-appellant. Jgħid li dak li riedet tagħmel l-Ewwel Qorti huwa li tara jekk l-investigazzjoni magħmula mill-Pulizija u d-deċiżjoni sussegwenti kinitx waħda raġunata. Jispjega kif l-argument in kwistjoni qam dwar xogħol li kien qed isir bejn l-appellant, Dr. David Gatt u terza persuna u li saħnu l-irjus b'mod li sar xi tgħajjir. Ikompli li dan it-tgħajjir ma kienx dwar ix-xogħol

passat tal-appellant fi ħdan l-uffiċju tal-Avukat Ġenerali. Jgħid li l-ħbiberija bejn l-appellant u Dr. David Gatt bdiet meta l-appellant kien għadu jaħdem l-uffiċju tal-Avukat Ġenerali u li dan jagħti aktar dawl fuq il-kumment ta' Dr. David Gatt. Jgħid li mkien ma għajjru jew heddu fuq obbligi passati. L-Avukat Ġenerali jsemmi li s-sentenzi kkwotati mill-Ewwel Qorti kienu korretti u li l-livell ta' prova sabiex jintlaħaq il-livell ta' *prima facie* huwa inqas minn dak ta' proċess kriminali u li dan jistrieħ fuq livell ta' bejn il-probabbli u l-possibbli. Jispiċċa billi jsemmi li l-Ewwel Qorti tat il-piż neċessarju lill-provi u lill-investigazzjoni li wettqet il-Pulizija u għaddiet sabiex tagħti s-sentenza tagħha.

Illi din il-Qorti tibda billi tfakkar li r-rwol tal-Qorti f'dawn il-proċeduri, kif jgħid korrettament l-Avukat Ġenerali, huwa li tara jekk il-Pulizija tkunx ibbażat id-deċiżjoni tagħha li ma tieħux azzjoni fuq raġuni li tkun ġustifikata. F'dan l-eżami l-Qorti trid tifli l-elementi fil-pussess tal-Pulizija u li fuqhom il-Pulizija jkunu bbażaw id-deċiżjoni jekk għandhiex tinbeda l-azzjoni penali *o meno*.

Illi l-qofol ta' dan il-każ idur ma' telefonata li kien hemm bejn l-appellant u Dr. David Gatt fit-2 ta' Diċembru 2024 li tinsab traskritta fl-atti proċesswali b'mod partikolari l-parti tat-telefonata fejn Dr. David Gatt qal hekk (*a fol.* 33 *et seq.*):

> "David Gatt .......... U mur għid lill dawk il-liba l-Maksar u għoxx il-liba Degiorgio li tirrapreżenta, pufta kollok!!!"
>
> [....]
>
> David Gatt: Jaq kemm int liba.... int avukat? Avukat Ġenerali?"

Illi permezz ta' *chat* intqal is-segwenti (Dok. "GCC 5" – *a fol.* 37):

> "Anka jien. Inti waqajt għan nejk meta titlob ... u depotu ras żobbi .... u Muka u tmur tilgħaq lill Degiorgios

> jbusuli l-bajd
>
> Maksar ukoll."

Illi l-appellant jorbot dawn il-frażijiet flimkien max-xogħol tiegħu meta huwa kien jaħdem mal-uffiċju tal-Avukat Ġenerali fil-vesti ta' Prosekutur b'dan illi jinterpreta dawn il-frażijiet fit-termini ta' Artikoli 93 u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jisħaq li għajr għal isem tal-aħwa Degiorgio, huwa qatt ma ppresta servizzi lin-nies l-oħra li ġew imsemmija minn Dr. David Gatt u li l-unika kuntatt li kellu magħhom kien fil-vesti tiegħu ta' Prosekutur. Jargumenta li allura r-riferenzi magħmula minn Dr. Gatt bilfors kienu ndirizzati lejn xogħlu bħala Prosekutur.

Illi l-Ewwel Qorti tat l-interpretazzjoni tagħha tal-konversazzjoni bil-mod segwenti (*a fol.* 264):

> "Din il-Qorti tqis li *prima facie*, meta tqis il-kuntest ta' dak li ngħad, jirriżulta li Dr. Gatt semma lil dawn il-persuni partikolari, peress li dawn huma persuni magħrufa mal-Pulizija u b'diskorsu, ried juri li huwa ma jiddejjaqx minn dawn il-persuni, tant li anke joffendihom. Fuq livell ta' *prima facie* ma jirriżultax li dawn il-persuni ssemmew, għaliex l-Avukat Dottor George Camilleri fil-passat kien Prosekutur fil-kawżi kriminali kontra wħud minn dawn il-persuni msemmija."

Illi minn naħa l-oħra mix-xiehda mogħtija mis-Supretendent Bernard Charles Spiteri u mill-iSpettur Keith Xerri jirriżulta li saret investigazzjoni fejn Dr. David Gatt kien mitlub imur l-Għassa tal-Pulizija. Mir-rapport (Dok. "KX 2" – *a fol.* 220 *et seq.*) li hemm fl-atti proċesswali u mix-xiehda tal-iSpettur Keith Scerri jirriżulta wkoll li Dr. David Gatt ċaħad li huwa kellu intenzjoni jgħajjar lill-appellant bix-xogħol li huwa wettaq mal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Kif rappurtat fir-rapport (Dok. "KX 2" – *a fol.* 220 *et seq.*), Dr. Gatt informa lill-Pulizija li għal xi żmien kien qiegħda fil-kwalita' tiegħu ta' avukat lid-Degiorgio iżda ma kellu l-ebda relazzjoni ma' Daniel Muka jew l-aħwa Agius.

Illi rigward l-ewwel fattur imsemmi mill-appellant fejn huwa jissottometti li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qalet li huwa kien jirrappreżenta lill-aħwa Agius u l-aħwa Degiorgio, din il-Qorti tinnota li din hija misinterpretazzjoni ta' dak li qalet l-Ewwel Qorti. Fil-fatt l-Ewwel Qorti qalet tali kliem f'kuntest fejn hija kienet qed tipprova tinterpreta l-kliem ta' Dr. David Gatt fejn huwa jirreferi kemm għall-aħwa Agius kif ukoll għall-aħwa Degiorgio. Il-kuntest ta' tali riferenza kien fejn fi kliem Dr. David Gatt, l-appellant kien jirrappreżentahom. Għalhekk ma kinitx l-Ewwel Qorti li qalet hekk iżda l-Ewwel Qorti kienet qed tispjega l-kliem ta' Dr. David Gatt. Għaldaqstant isegwi li dan il-punt mhux mistħoqq.

Illi l-appellant jilmenta wkoll dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti donnha naqset milli tara jekk huwa qattx iddefenda lil Daniel Muka u Agius. Dwar dan il-punt din il-Qorti tifhem li l-analiżi li kellha twettaq l-Ewwel Qorti huwa jekk *prima facie* jirriżultax ir-reat li l-kwerela tal-appellant tirreferi għalih. Din il-Qorti tinnota li ma kienx ir-rwol tal-Ewwel Qorti li tara liema parti kellha raġun u hija ma setgħetx tidħol fil-mertu tal-kwistjoni.

Illi din il-Qorti taqsam il-konversazzjoni li seħħet bejn l-appellant u Dr. David Gatt fi tnejn. Hemm dik il-parti li seħħet *viva voce* u hemm dik il-parti li seħħet permezz ta' *chat*. Għandu jingħad li Muka ġie msemmi f'dik il-parti li saret permezz ta' *chat* b'dan illi f'dik il-parti mkien ma hemm riferenza għax-xogħol passat tal-appellant fil-vesti tiegħu ta' Prosekutur. Minn dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jirriżultawx provi sal-livell *prima facie* ta' dak li qed jilmenta minnu l-appellant. Għalhekk sa fejn jirrigwarda din il-parti tal-konversazzjoni, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

Illi fis-sentenza minnha mogħtija jidher li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni r-relazzjoni li kien hemm bejn l-appellant u Dr. David Gatt u kkonkludiet li t-telefonata tat-2 ta' Diċembru 2024 kienet riżultat ta' animożita' li kien hemm bejn il-partijiet. Din il-Qorti semgħet ripetutament il-konversazzjoni in kwistjoni u hija tal-fehma li aktar minn intenzjoni li joffendi lill-appellant permezz

tax-xogħol passat tiegħu jidher li d-diskors imlissen minn Dr. David Gatt kien kliem ta' xi ħadd li kien f'delirju u tilef ir-raġuni. Din il-Qorti tinnota li minkejja li din żgur mhijiex imġieba mistennija minn avukat, iżda din il-Qorti mhux qed tara l-estremi ravviżati mill-appellant. L-Ewwel Qorti daħlet fil-kwistjoni tal-ismijiet imsemmija minn Dr. David Gatt u llimitat dan għal riżultat ta' animożita' bejn l-appellant u Dr. David Gatt. Għalhekk l-appellant mhuwiex korrett meta jimplika li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel l-analiżi neċessarja.

Illi rigward it-<u>tieni fattur</u> imsemmi mill-appellant, b'mod partikolari fejn jgħid li jekk ma titteħidx azzjoni wieħed ikun qiegħed ixejjen il-ligi li tipproteġi uffiċjali pubbliċi, din il-Qorti tirrimarka li ma titollerax sitwazzjonijiet fejn jirriżulta li uffiċjal pubbliku jiġi nġurjat jew mhedded fil-qadi ta' dmirijietu jew talli qiegħda tali dmirijiet. Minkejja dan, dan l-aġir irid jirriżulta. Huwa minnu dak li jgħid l-appellant li Dr. David Gatt ma kellux għalfejn isemmi l-persuni li semma iżda din il-Qorti ma tinterpretax dan bħala tentattiv minn naħa ta' Dr. Gatt li jinġurja jew jhedded lill-appellant bir-rwol tiegħu fl-uffiċju tal-Avukat Ġenerali.

Illi rigward it-<u>tielet fattur</u> imsemmi mill-appellant, liema fattur huwa marbut mal-ġurisprudenza kkwotata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma għandha xejn x'tiċċensura fil-ġurisprudenza kkwotata mill-Ewwel Qorti. Waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm, l-appellant jargumenta li l-ġurisprudenza kkwotata mill-Ewwel Qorti mhijiex applikabbli f'dan il-każ minħabba li, skont hu, f'dan il-każ mhux talli hemm provi *prima facie*, talli l-livell ta' prova li hemm fl-atti proċesswali huwa għola. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-fattur jorbot mal-fatturi l-oħra b'dana illi din il-Qorti ma taqbilx li kliem Dr. David Gatt huma tali li jikkwalifikaw bħala nġurja jew theddid indirizzati għal fatt li l-appellant kien jaqdi, fil-passat, ir-rwol ta' Prosekutur.

Illi jidher biċ-ċar mill-konversazzjoni li hemm xi storja passata komuni bejn l-appellant u Dr. David Gatt u fil-fehma ta' din il-

Qorti tali storja komuni hija s-sors tal-kliem xejn edifikanti mlissna minn Dr. Gatt.

Illi anke minn analiżi tat-traskrizzjoni tat-telefonata, b'mod partikolari dik il-parti inkriminata maġġorment jidher biċ-ċar, tal-anqas f'għajnejn din il-Qorti, li Dr. David Gatt kien qiegħed iwassal messaġġ li huwa *bully* u mhux lill-missier l-appellant biss kien sejjer isemmi talli, jekk kien ikun il-każ, kien jgħaddi minn fuq l-appellant u jqattgħu. Dr. David Gatt jirreferi għal aħwa tal-Maksar u Degiorgio b'terminu ta' offiża lejhom u jsemmi li dawn kienu rappreżentati mill-appellant u ta' dan joffendi lill-istess appellant. Għalkemm l-appellant jgħid li huwa ma kienx jirraprezentahom ir-riferenza minn naħa ta' Dr. David Gatt hija ċara. Din il-Qorti tifhem li Dr. David Gatt għandu problema mhux mal-appellant iżda aktar man-nies li semma fid-delirju tiegħu. Rigward il-parti marbuta mar-riferenza lejn l-uffiċju tiegħu ta' avukat/Avukat Ġenerali, din il-Qorti taqra din il-frażi bħala kumment dispreġjattiv kontra l-appellant bħallikieku ma kienx ħaqqu tali titolu u mhux bħala riferenza għal xogħlu bħala Prosekutur!

Illi in segwitu ta' dak li kollu li ngħad hawn fuq isegwi li l-aggravju mressaq mill-appellant inkluż it-tliet fatturi msemmija minnu fl-istess aggravju jistħoqq li jiġu mwarrba bil-konsegwenza li qed jiġu miċħuda *in toto*.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant l-isfidant Dr. George Camilleri u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |